MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1041/2002/1

**John Lentini ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Josephine Nind sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Josephine Nind**

**Vs**

**Shanon Psaila**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' tmien mija u sittax-il lira Maltija u sebgha u disghajn centezmu (Lm816.97) rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta' Dicembru 2001 f'Triq Industrijali, Marsa bejn vettura bin-numru AAI 825 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru FAA 197 misjuqa minn Aaron Charles Nind u propjeta ta'

l-attrici u ghal liema incident kien unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-riposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta tieghu ghall-incident.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. L-incident tat-traffiku meritu tal-kawza sehh fis-7 ta' Dicembru 2001 gewwa Triq Industrijali, Marsa.

2. Il-vetturi nvoluti f'dan l-incident kienu dik misjuqa mill-konvenut (AAI 825) u l-vettura misjuqa minn Aaron Charles Nind (FAA 197).

3. Iz-zewg vetturi riedu jmorru fid-direzzjoni lejn Hal Luqa.

4. Il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa huma dijametrikament opposti ghal xulxin. Huwa maghruf li min jallega jrid jipprova. Mill-provi li tressqu t-Tribunal m'huwiex moralment konvint li l-atturi rnexxielhom jaghtu prova li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident. Sfortunatament ghall-atturi dan huwa kaz fejn kull wahda miz-zewg verzjonijiet tista' jkun minnha. Kif tajjeb qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joseph **Vincenti Rausi noe et vs Joseph Muscat** deciza fil-5 ta' Ottubru 1992, *"fejn l-assjem ta' provi hu tali li l-verzjonijiet tal-kontendenti huma hekk bilancjati, li kull wahda tista' tirrizulta plawsibbli u veritjiera* ***u ma tirrizultax dik ic-cirkostanza determinanti li tissoda l-konvinciment tal-Qorti favur tezi u mhux l-ohra****, ma jibqax lecitu ghall-gudikant li jifforma opinjoni motivata fuq preponderanza ta' probabiltajiet. Jehtieglu jasal biss ghall-konkluzjoni li l-attur ma jkunx sodisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu – actore non probante, reus absolvitur"*. Fic-

cirkostanzi t-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jichad it-talba ta' l-atturi.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**